Nru. 17,940
Prezz Lm1.28c
Price Lm1.28c

Gazzetta tal-Gvern ta' Malta
The Malta Government Gazette

Il-Ġimgħa, 7 ta' Lulju, 2006
Friday, 7th July, 2006

Pubblikata b'Awtorità
Published by Authority

NOTIFIKAZZJONIJIET TAL-GVERN

Nru. 587

PUBBLIKAZZJONI TA' ATT FIS-SUPPLIMENT

HUWA avżat għall-informazzjoni ġenerali illi l-Att li ġej huwa ppubblikat fis-Suppliment li jinsab ma' din il-Gazzetta:

ATT Nru. IX ta' l-2006 imsejjaħ l-Att ta' l-2006 li jemenda l-Att dwar il-Konvenzjoni Ewropea.

Is-7 ta' Lulju, 2006

Nru. 588

IL-PRESIDENT TA' MALTA JERĠA' LURA FUQ DMIRIJIETU

NGĦARRFU għall-informazzjoni ta' kulħadd illi l-President ta' Malta rritorna Malta fil-5 ta' Lulju, 2006, u reġa' daħal għall-qadi tad-dmirijiet tal-kariga tiegħu ta' President.

Dott. George Hyzler ma baqax jaqdi l-funzjonijiet ta' President mal-wasla lura f'Malta tal-President.

Is-7 ta' Lulju, 2006

Nru. 589

FORZI ARMATI TA' MALTA (FORZA REGOLARI)

IL-PRESIDENT ta' Malta għoġbu japprova l-irtirar ta' l-Uffiċjali msemmija hawn taħt mill-Froza Regolari ta' Uffiċjali tal-Forzi Armati ta' Malta, b'seħħ mid-data murija ħdejn isimhom:

Il-Logutenent Kurunell P Cordina 5.01.2002

GOVERNMENT NOTICES

No. 587

PUBLICATION OF ACT IN SUPPLEMENT

IT is notified for general information that the following Act is published in the Supplement to this Gazette:

ACT No. IX of 2006 entitled the European Convention (Amendment) Act, 2006.

7th July, 2006

No. 588

RESUMPTION OF DUTIES BY THE PRESIDENT OF MALTA

IT is notified for general information that the President of Malta returned to Malta on the 5th July, 2006, and has resumed the functions of the Office of The President.

Dr George Hyzler has ceased to perform the functions of President from the time of the President's arrival in Malta.

7th July, 2006

No. 589

ARMED FORCES OF MALTA (REGULAR FORCE)

THE President of Malta has been pleased to approve the retirement of the undermentioned Officers from the Armed Forces of Malta (Regular Reserve of Officers), with effect from the dates shown against their names:

Lieutenant Colonel P Cordina 5.01.2002

Il-Logutenent Kurunell J Sansone	31.01.2003
Il-Logutenent Kurunell MN Cassar	31.07.2004
Il-Maġġur J Bugeja, BSc (Eng) MSc	27.03.2004
Il-Kaptan PM Micallef Eynaud	11.04.2006
Il-Logutenent P Attard, BSc (Eng)	1.09.2005
2nd Lieutenant M Aquilina, BA (Econ)	10.11.2003

L-4 ta' Lulju, 2006
(OPM/4/97/III)

Lieutenant Colonel J Sansone	31.01.2003
Lieutenant Colonel MN Cassar	31.07.2004
Major J Bugeja, BSc (Eng) MSc	27.03.2004
Captain PM Micallef Eynaud	11.04.2006
Lieutenant P Attard, BSc (Eng)	1.09.2005
2nd Lieutenant M Aquilina, BA (Econ)	10.11.2003

4th July, 2006

Nru. 590

TERMINAZZJONI TA' KIRI TA' RABA'

DIN id-dikjarazzjoni li ġejja, magħmula mill-President ta' Malta, hija ppubblikata skond l-Att ta' l-1967 dwar it-Tiġdid ta' Kiri ta' Raba'.

Is-7 ta' Lulju, 2006
(File No. A2847/1997)

DIKJARAZZJONI TAL-PRESIDENT TA' MALTA

Jiena hawnhekk niddikjara illi l-art hawn taħt imsemmija, li hija proprjetà tal-Gvern, hija meħtieġa għal skop pubbliku skond id-dispożizzjonijiet ta' l-Att ta' l-1967 dwar it-Tiġdid ta' Kiri ta' Raba'.

Deskrizzjoni ta' l-Art

L-art li ġejja fil-Kalkara:–

1. Biċċa art tal-kejl ta' madwar 1,442 metru kwadru, li tmiss mit-Tramuntana ma' triq pubblika, mil-Lbiċ ma' sqaq u mil-Lvant ma' proprjetà ta' Angelo Camilleri u oħrajn.

L-art hawn fuq imsemmija tidher immarkata bil-kulur aħmar fuq il-pjanta P.D. 2006_608 li wieħed jista' jara fuq talba fid-Dipartiment ta' l-Artijiet, Auberge de Baviere, Valletta.

(Iff) Edward Fenech Adami
President

Is-26 ta' Ġunju, 2006

No. 590

TERMINATION OF AGRICULTURAL LEASE

THE following declaration made by the President of Malta, is published in terms of the Agricultural Leases (Reletting) Act, 1967.

7th July, 2006

DECLARATION OF THE PRESIDENT OF MALTA

I hereby declare that the undermentioned land, which is Government property, is required for a public purpose in accordance with the provisions of the Agricultural Leases (Reletting) Act, 1967.

Description of the Land

The following land at Kalkara:–

1. A plot of land of the area of about 1,442 square metres, bounded on the North by a public road, on the South West by an alley and on the East by property of Angelo Camilleri and others.

The abovementioned land is shown marked with the colour red on plan P.D. 2006_608 , which may be seen on demand at the Lands Department, Auberge de Baviere, Valletta.

(Sgd) Edward Fenech Adami
President

26th June, 2006

Nru. 591

TERMINAZZJONI TA' KIRI TA' RABA'

DIN id-dikjarazzjoni li ġejja, magħmula mill-President ta' Malta, hija ppubblikata skond l-Att ta' l-1967 dwar it-Tiġdid ta' Kiri ta' Raba'.

Is-7 ta' Lulju, 2006
(File No.E65/2002/I/4)

DIKJARAZZJONI TAL-PRESIDENT TA' MALTA

Jiena hawnhekk niddikjara illi l-art hawn taħt imsemmija, li hija proprjetà tal-Gvern, hija meħtieġa għal skop pubbliku skond id-dispożizzjonijiet ta' l-Att ta' l-1967 dwar it-Tiġdid ta' Kiri ta' Raba'.

Deskrizzjoni ta' l-Art

L-art li ġejja fix-Xagħjra:–

1. Biċċa art tal-kejl ta' madwar 4,070 metru kwadru, li tmiss mit-Tramuntana, mill-Grigal u mil-Lvant ma' proprjetà tal-Gvern u hija rreġistrata fir-*Records* tal-Gvern bħala *Tenement* Nru. E00492.

L-art hawn fuq imsemmija tidher immarkata bil-kulur aħmar fuq il-pjanta P.D. 2005_374 li wieħed jista' jara fuq talba fid-Dipartiment ta' l-Artijiet, Auberge de Baviere, Valletta.

(Iff) EDWARD FENECH ADAMI
President

Is-26 ta' Ġunju, 2006

No. 591

TERMINATION OF AGRICULTURAL LEASE

THE following declaration made by the President of Malta, is published in terms of the Agricultural Leases (Reletting) Act, 1967.

7th July, 2006

DECLARATION OF THE PRESIDENT OF MALTA

I hereby declare that the undermentioned land, which is Government property, is required for a public purpose in accordance with the provisions of the Agricultural Leases (Reletting) Act, 1967.

Description of the Land

The following land at Xagħjra:–

1. A plot of land of the area of about 4,070 square metres, bounded on the North, North East and East by Government property and is registered on the Government's Records as Tenement No. E00492.

The abovementioned land is shown marked with the colour red on plan P.D. 2005_374 which may be seen on demand at the Lands Department, Auberge de Baviere, Valletta.

(Sgd) EDWARD FENECH ADAMI
President

26th June, 2006

Nru. 592

TERMINAZZJONI TA' KIRI TA' RABA'

DIN id-dikjarazzjoni li ġejja, magħmula mill-President ta' Malta, hija ppubblikata skond l-Att ta' l-1967 dwar it-Tiġdid ta' Kiri ta' Raba'.

Is-7 ta' Lulju, 2006
(File No.E65/2002/I/2)

DIKJARAZZJONI TAL-PRESIDENT TA' MALTA

Jiena hawnhekk niddikjara illi l-art hawn taħt imsemmija, li hija proprjetà tal-Gvern, hija meħtieġa għal skop pubbliku skond id-dispożizzjonijiet ta' l-Att ta' l-1967 dwar it-Tiġdid ta' Kiri ta' Raba'.

No. 592

TERMINATION OF AGRICULTURAL LEASE

THE following declaration made by the President of Malta, is published in terms of the Agricultural Leases (Reletting) Act, 1967.

7th July, 2006

DECLARATION OF THE PRESIDENT OF MALTA

I hereby declare that the undermentioned land, which is Government property, is required for a public purpose in accordance with the provisions of the Agricultural Leases (Reletting) Act, 1967.

Deskrizzjoni ta' l-Art

L-art li ġejja fix-Xagħjra:–

1. Biċċa art tal-kejl ta' madwar 5,630 metru kwadru, li tmiss mill-Majjistral u mit-Tramuntana ma' proprjetà tal-Gvern u mill-Grigal ma' passaġġ pubbliku u hija rreġistrata fir-*Records* tal-Gvern bħala *Tenement* Nru. E00490.

L-art hawn fuq imsemmija tidher immarkata bil-kulur aħmar fuq il-pjanta P.D. 2005_368 li wieħed jista' jara fuq talba fid-Dipartiment ta' l-Artijiet, Auberge de Baviere, Valletta.

(Iff) EDWARD FENECH ADAMI
President

Is-26 ta' Ġunju, 2006

Description of the Land

The following land at Xagħjra:–

1. A plot of land of the area of about 5,630 square metres, bounded on the North West and North by Government property and on the North East by a public passage and is registered on the Government's Records as Tenement No. E00490.

The abovementioned land is shown marked with the colour red on plan P.D. 2005_368 which may be seen on demand at the Lands Department, Auberge de Baviere, Valletta.

(Sgd) EDWARD FENECH ADAMI
President

26th June, 2006

Nru. 593

UFFIĊĊJU TAL-PRIM MINISTRU

Rilaxx ta' Uffiċjali Pubbliċi Sabiex Jaħdmu ma' *NGO's* (Organizzazzjonijiet mhux Governattivi)

L-UFFIĊĊJU tal-Prim Ministru jilqa' applikazzjonijiet mill-*NGO*'s għar-rilaxx ta' uffiċjali pubbliċi biex jaħdmu magħhom. Din is-sejħa qed issir fil-kuntest tal-kontribut mill-aqwa li l-*NGO*'s jagħtu lis-Soċjetà Maltija, u fid-dawl ta' politika riveduta li tnediet f'Ġunju tas-sena l-oħra dwar ir-rilaxx ta' uffiċjali pubbliċi biex jaħdmu ma' *NGO*'s. Din ir-reviżjoni saret sabiex tingħata definizzjoni iżjed ċara ta' x'inhuma l-kriterji li jagħmlu l-*NGO*'s eliġibbli, ngħaqqdu l-għotja ta' *leave* mal-kisba ta' riżultati partikulari, u norbtu din l-għajnuna ma' kull għajnuna oħra li diġà qed tingħata. Tfasslu wkoll kriterji ċari li fuqhom issir l-għażla u r-rilaxx ta' l-uffiċjali pubbliċi.

Dawn il-parametri ġodda huma kif ġejjin:

Kriterji għall-eliġibilità

Biex ikunu eliġibbli, *NGO*'s iridu jkunu mwaqqfa esklussivament biex iwettqu xogħol soċjali jew ta' karità, kif stipulat fl-Att dwar *Trusts and Trustees,* jiġifieri kull għan karitattiv u filantropiku, u li jinkludi:

• l-avvanz ta' l-edukazzjoni, inklużi l-edukazzjoni fiżika u sport
• l-avvanz tas-saħħa
• l-avvanz tar-reliġjon
• l-avvanz soċjali u tal-komunità

No. 593

OFFICE OF THE PRIME MINISTER

Release of Public Officers to Work with NGO's (Non-Governmental Organisations)

THE Office of the Prime Minister invites applications from NGO's for the release of public officers to work with them. This call is made in the context of the sterling contribution of NGO's to Maltese society, and in the light of a revised policy that was launched in June of last year regarding the release of public officers to work with NGO's. The purpose of this revised policy is to set out a clearer definition of the criteria that make NGO's eligible, link the grant of leave to the achievement of specific outcomes or deliverables, and associate this assistance with any other assistance already being granted. Clear criteria regarding selection and terms of release of public officers, have also been laid down.

These new parameters are as follows:

Eligibility criteria

To be eligible, NGOs must be established exclusively to fulfil a social or charitable purpose as defined by the Trusts and Trustees Act, that is to say, any charitable and philanthropic purpose that includes:

• the advancement of education, including physical education and sports
• the advancement of health
• the advancement of religion
• social and community advancement

• l-avvanz tal-kultura, arti u wirt nazzjonali
• it-tħaris u titjib ta' l-ambjent
• il-promozzjoni tal-jeddijiet umani, is-soluzzjoni ta' konflitti u rikonċiljazzjoni

L-*NGO*'s m'għandhomx ikunu jaħdmu għall-profitt, u d-dħul, kapital jew proprjetà tagħhom ma jkunux ta' benefiċċju, direttament jew indirettament, għal xi promotur, fundatur, membru, amministratur jew benefattur (imma jistgħu jħaddmu impjegati biex jilħqu l-għanijiet tagħhom).

Kriterji biex jintgħażlu

L-għażla skond din l-iskema hi bbażata fuq il-kriterji li ġejjin:

(a) kemm il-proġett jew attività li l-uffiċjal rilaxxat ikun se jagħmel ikun relatat mal-prijoritajiet tal-Gvern; tingħata preferenza lil *NGO*'s li jipprovdu servizz komplementari għal servizz provdut mill-Gvern, għalkemm dan ma jeskludix servizzi oħra li mhux provduti mill-Gvern;

(b) kemm il-proposta ta' l-*NGO* telenka għanijiet ċari li jridu jintlaħqu fi żmien stipulat;
(ċ) jekk l-*NGO* tkunx diġà qed tirċievi assistenza mill-Gvern (finanzjarja jew taħt xi skema oħra).

Kundizzjonijiet għar-rilaxx

Uffiċjali pubbliċi fi Skala 6 jew anqas jistgħu jiġu assenjati ma' *NGO* fuq *leave* speċjali bi ħlas *on grounds of public policy* fuq bażi *full-time*. Uffiċjal wieħed biss jiġi assenjat ma' *NGO* waħda. F'każijiet speċjali, massimu ta' żewg uffiċjali jistgħu jiġu assenjati ma' *NGO* waħda, fejn dan ikun ġustifikat minħabba n-natura tal-proġett jew attività li dik l-*NGO* tkun intrabtet li tagħmel.

Ir-rilaxx ta' uffiċjali pubbliċi ma' NGO's se jkun fuq il-kundizzjonijiet li ġejjin:

• Il-perjodu tar-rilaxx ikun għal matul iż-żmien tal-proġett jew għal sena (liema jkun l-anqas), bil-possibiltà li jkun imġedded;

• *Leave* taħt din l-iskema jkun approvat mill-*MPO* (*Management and Personnel Office)* b'kunsultazzjoni mal-Ministeru għall-Familja u Solidarjetà Soċjali, bħala l-Ministeru responsabbli għal *NGO*'s, u s-Segretarju Permanenti tal-Ministeru responsabbli mill-attività ta' l-*NGO*. Dan il-Ministeru jrid jagħti l-kummenti tiegħu dwar il-proposta u jekk din il-proposta tkun aċċettata, jrid jinnomina uffiċjal li jżomm kuntatt ma' l-*NGO*.

• Wara li jispiċċa l-*leave* approvat, l-uffiċjal jerġa' jmur lura fid-dipartiment fejn kien jaħdem qabel. L-*NGO* tista'

• the advancement of culture, arts and national heritage
• environmental protection and improvement
• the promotion of human rights, conflict resolution and reconciliation

The NGO's must also be non profit-making and their income, capital or property is not to be available directly or indirectly to any promoter, founder, member, administrator or donor (but they may engage salaried staff to fulfil their purpose).

Criteria for selection

Selection under this scheme is based on the following criteria:

(a) the closeness of the link between the project or activity to which the NGO proposes to assign the released officer and the priorities established by the Government; priority will be given to NGO's providing a service that is complementary to a service provided by Government, although other services which are not being provided by Government, are not excluded;
(b) the extent to which the proposal submitted by the NGO sets out clearly defined deliverables linked to set target-datesġ
(c) whether or not the NGO in question is already receiving Government assistance (financial or in kind) under another scheme.

Terms for release

Public officers in Scale 6 or lower may be assigned to an NGO on special leave with pay, on grounds of public policy, on a full time basis. Only one officer is assigned to any NGO. In exceptional cases, a maximum of two officers may be assigned to an NGO where this is justified by the nature of the project or activity being undertaken by the NGO.

The release of public officers to NGO's is based on the following conditions:

• The period of release is for the duration of the project or for one year (whichever is lower), with the possibility of renewal.

• Leave under this scheme is approved by Management and Personnel Office (MPO), in consultation with the Ministry for Family and Social Solidarity as the Ministry responsible for NGO's, and the Permanent Secretary of the line Ministry responsible for the NGO's area of activity. The line Ministry provides its views on the NGO's proposal and, if the latter is accepted, nominates a liaison officer for the NGO.

• At the end of the approved leave, the assigned officer reverts to his or her employing department. The NGO may

titlob tiġdid tar-rilaxx sakemm jispiċċa l-proġett jew għal sena (liema jkun l-anqas). It-talba għal tiġdid tkun approvata mill-*MPO*.

• L-*NGO* tkun mitluba tibgħat rapport dwar il-progress milħuq fil-proġett. Fuq dan ir-rapport, is-Segretarju Permanenti fil-Ministeru responsabbli mill-attività ta' l-*NGO*, b'kunsultazzjoni ma' l-uffiċjal li jkun qed iżomm kuntatt ma' l-*NGO*, jirrikmanda lil *MPO* jekk it-tiġdid tar-rilaxx għandux ikun approvat jew le.

L-*MPO* għandu d-diskrezzjoni li jassenja ma' *NGO*'s, uffiċjali pubbliċi fi Skala 6 jew anqas, fuq *leave* mingħajr ħlas *on grounds of public policy*. Dawn l-uffiċjali pubbliċi jkunu rilaxxati fuq il-kundizzjonijiet imsemmija hawn fuq.

L-applikazzjonijiet għandhom jinkludu:

1) Dikjarazzjoni li tispjega l-iskop/missjoni ta' l-organizzazzjoni li trid turi l-iskop soċjali jew ta' karità ta' l-Organizzazzjoni kif stipulat fl-Att dwar *Trusts u Trustees*.

2) Kopja ta' l-Istatut ta' l-Organizzazzjoni.

3) Proposta li turi ċar l-proġett jew attività li fuqhom l-uffiċjali sa jkunu assenjati. Il-proposti għandhom jiddefinixxu b'mod ċar il-benefiċċji li se joħorgu mill-proġetti/attivitajiet proposti, u għandhom jagħtu data preċiża sa meta l-proġett/attività trid titlesta. Jekk il-proġett/attività se jsiru barra minn Malta, huwa importanti ħafna li dan jintwera ċar fuq il-proposta li tintbagħat.

4) Dikjarazzjoni li turi kull assistenza (kemm finanzjarja jew xort'oħra) li l-organizzazzjoni qed tirċievi mill-Gvern.

5) L-isem ta' l-uffiċjal li l-organizzazzjoni qed titlob ir-rilaxx tiegħu. Idealment, għandhom jintbagħtu tliet ismijiet minn fejn wieħed jagħżel. Ta' min jinnota li r-rilaxx ikun għal perjodu massimu ta' sena, bil-possibiltà li jiġġedded. Meta jintemm ir-rilaxx, l-uffiċjal jerġa' lura fid-dipartiment fejn kien impjegat.

Ir-rilaxx ta' uffiċjali pubbliċi li bħalissa huma diġà assenjati ma' *NGO* se jiskadi u għalhekk dawn l-*NGO*'s qed ikunu infurmati li għandhom jerġgħu japplikaw fuq il-bażi tal-politika l-ġdida msemmija.

L-applikazzjonijiet, bl-informazzjoni kollha, għandhom jintbagħtu mhux iktar tard mill-31 ta' Awissu, 2006, lid-Direttur, *Employee Relations*, fl-Uffiċċju tal-Prim Ministru.

Is-7 ta' Lulju, 2006

request a further period of release for the remaining duration of the project or for one (1) year (whichever is less). This request for a further period of leave is approved by MPO.

• The NGO is required to submit a report outlining progress achieved in relation to the originally specified project deliverables. On the basis of this report, the Permanent Secretary of the line Ministry, in consultation with the liaison officer, will make a recommendation to MPO as to whether the additional period of release should be approved.

MPO may, at its discretion, assign public officers in Scale 6 or lower to NGO's on leave without pay on grounds of public policy. These public officers will be released on the basis of the above-mentioned criteria.

Submitted applications are to include the following:

1) A statement setting out the scope/mission of the organization which should portray the social/charitable purpose of the organization in conformity with the Trusts and Trustees Act.

2) A copy of the organization's Statute.

3) A proposal detailing a clear project or activity to which the requested officer will be assigned. The proposal must also define clearly the benefits originating from the proposed project and/or activity and give target deadlines for the completion of the proposed project/activity. If the place where the project/activity will be taking place is outside Malta, it is particularly important that this is clearly shown on the proposal submitted.

4) A statement detailing assistance of any type (financial or otherwise) and under any scheme already being received by the organization from Government.

5) The name of the officer that the organization is requesting to be released. Ideally, three names should be submitted from where to choose. It is to be noted that release will be given for a maximum period of one year with the possibility of renewal. At the end of release period, the officer will revert back to his/her employing department.

The release of public officers currently already assigned to work with NGOs is about to expire and therefore these NGOs are being informed that they should apply once again, on the basis of the new policy outlined above.

Applications are to be sent, with all the required data, not later than 31st August 2006, to Director, Employee Relations, at the Office of the Prime Minister.

7th July, 2006

Nru. 594

ID-DIRETTUR ĠENERALI (KUMMERĊ) JERĠA' LURA FUQ DMIRIJIETU

NGĦARRFU b'din illi s-Sur Godwin Warr, Direttur Ġenerali (Kummerċ), reġa' lura fuq dmirijietu fit-3 ta' Lulju, 2006, u l-arranġamenti li hemm riferenza għalihom fin-Notifikazzjoni tal-Gvern Nru. 562 tas-27 ta' Ġunju, 2006, ma baqgħux iseħħu f'dan is-sens.

L-4 ta' Lulju, 2006

No. 594

RESUMPTION OF DUTIES OF DIRECTOR GENERAL (COMMERCE)

IT is hereby notified that Mr Godwin Warr, Director General (Commerce), resumed duties on the 3rd July, 2006, and the arrangements referred to in Government Notice No. 562 of the 27th June, 2006, ceased to have effect accordingly.

4th July, 2006

Nru. 595

ATT DWAR IL-PROFESSJONI NUTARILI U ARKIVJI NUTARILI (KAP. 55)

Nomina ta' Nutar Delegat

NGĦARRFU b'din illi bis-saħħa tas-setgħat mogħtija bl-artikolu 20 ta' l-Att dwar il-Professjoni Nutarili u Arkivji Nutarili, il-Qorti tar-Reviżjoni ta' l-Atti Nutarili nnominat lin-Nutar Dott. Clinton Bellizzi, bħala Nutar Delegat ta' l-Atti tan-Nutar Dott. Naomi Mugliette, LL.D., sakemm dan ikun nieqes minn dawn il-Gżejjer mit-Tnejn, l-10 ta' Lulju 2006 fis-6.00 a.m. sa l-Erbgħa, is-26 ta' Lulju 2006 fil-11.30 p.m.

Gladys Bugeja
Għar-Reġistratur
Qorti tar-Reviżjoni ta' l-Atti Nutarili

Is-27 ta' Ġunju, 2006

No. 595

NOTARIAL PROFESSION AND NOTARIAL ARCHIVES ACT (CAP. 55)

Appointment of Notary Delegate

IT is hereby notified that, in exercise of the powers conferred by section 20 of the Notarial Profession and Notarial Archives Act, the Court of Revision of Notarial Acts has appointed Notary Dr Clinton Bellizzi to be Notary Delegate for Notary Dr Naomi Mugliette, LL.D., during the latter's absence from these Islands from Monday, 10th July 2006 at 6.00 a.m. till Wednesday, 26th July 2006 at 11.30 p.m.

Gladys Bugeja
F/Registrar
Court of Revision of Notarial Acts

27th June, 2006

Nru. 596

ORDINANZA (GĦELUQ) DWAR IL-ĠONNA PUBBLIĊI (KAP. 34)

Il-Ġonna ta' San Anton, Ħ'Attard

NGĦARRFU għall-informazzjoni ta' kulħadd illi bis-setgħat mogħtija lilu bl-Artikolu 2 ta' l-Ordinanza dwar l-Għeluq ta' Ġonna Pubbliċi (Kap. 34) il-Ministeru għall-Affarijiet Rurali u l-Ambjent approva li nhar il-Ġimgħa, it-28 ta' Lulju, 2006, il-Ġonna ta' San Anton, Ħ'Attard, ikunu magħluqa għall-pubbliku fis-1.00 p.m. minħabba attività ta' Din l-Art Ħelwa.

Is-7 ta' Lulju, 2006

No. 596

PUBLIC GARDENS (CLOSING) ORDINANCE (CAP. 34)

San Anton Gardens, Attard

IT is notified for general information that as enabled by Section 2 of the Public Gardens (Closing) Ordinance (Cap. 34) the Minister for Rural Affairs and the Environment has approved that on Friday, 28th July, 2006, San Anton Gardens at Attard will be closed to the public at 1.00 p.m. due to an activity by Din l-Art Ħelwa.

7th July, 2006

Nru. 597

ATT DWAR L-IPPJANAR TA' L-IŻVILUPP (KAP. 356)

Eżenzjoni minn Studju ta' l-Impatt Ambjentali Limitat

B'KONFORMITÀ mar-regolamenti 3(8) fil-Parti II ta' l-Avviż Legali Nru. 204 ta' l-2001 rigward l-applikazzjoni msemmija hawn taħt, u minħabba l-fatt illi l-MEPA għandha tagħrif biżżejjed biex tieħu deċiżjoni fuq din l-Applikazzjoni, id-Direttur ta' l-Ippjanar, bi ftehim mad-Direttur għall-Ħarsien ta' l-Ambjent, jaqbel li jeżenta l-applikant milli jħejji Studju dwar l-Impatt Ambjentali limitat:

No. 597

DEVELOPMENT PLANNING ACT (CAP. 356)

Waiving of Environmental Planning Statement

IN conformity with Part II provision 3 (8) of Legal Notice No. 204 of 2001 in respect of the application mentioned hereunder, and in view of the fact that MEPA has sufficient information to take a decision on this application, the Director of Planning, in agreement with the Director of Environment Protection, agree to exempt the applicant from preparing an Environmental Planning Statement:

Applikazzjoni Nru: PA 05245/05
Post: San Ġiljan
Proposta: Bini mill-ġdid u ristawr tal-pont fi Triq M.A. Vassalli

Application No: *PA 5245/04*
Location: *St Julians*
Proposal: *Reconstruction and rehabilitation of bridge structure at Triq M.A. Vassalli*

Dawn l-impatti sinifikanti potenzjali fuq l-ambjent kienu identifikati u miżuri ta' mitigazzjoni ġew proposti fl-istqarrija dwar id-deskrizzjoni tal-proġett (PDS), kif sottomess lil MEPA fid-9 ta' Ġunju, 2006.

The following potential significant environmental impacts were identified and mitigation measures proposed through the Project Description Statement (PDS), as submitted to MEPA on the 9th June, 2006.

Impatti sinifikanti potenzjali	**Pożittiv/Negattiv**	**Rimarki fuq miżuri ta' mitigazzjoni, eċċ.**
Skart	Negattiv	L-iskart iġġenerat mill-iżvilupp se jiġi ttrattat, irriċiklat jew mormi f'sit approvat
Ekoloġija	Negattiv	L-impatt ekoloġiku jkun limitat għas-sit. Dan se jiġi rrestawrat la darba jitlesta l-bini
Agrikoltura	Negattiv	L-art agrikola se tkun irrestawrata la darba jitlesta l-bini
Idroloġija u kwalità ta' l-ilma	Negattiv	Jintużaw miżuri għall-kontroll ta' l-ilma u mezzi ta' mitigazzjoni jiġu mwettqa
Trab	Negattiv	Miżuri għall-kontroll tat-trab jiġu mwettqa

Potential Significant Impact	***Positive/Negative***	***Remarks on mitigation measures, etc.***
Waste	*Minor Negative*	*Waste arising from the development will be adequately managed, recycled or disposed of in an approved site*
Ecology	*Minor Negative*	*The ecological impact will be limited to the site area cleared. This will be rehabilitated once construction is terminated*
Agriculture	*Minor Negative*	*Agricultural land will be reinstated once construction is terminated*
Hydrology and water quality	*Minor Negative*	*Adequate water management measures will be implemented*
Dust	*Minor Negative*	*Dust control measures will be implemented*

Minkejja dan l-imsemmi hawn fuq, l-Awtorità ta' Malta dwar l-Ambjent u l-Ippjanar iżżomm id-dritt li titlob lill-applikant li jissottometti informazzjoni addizzjonali kif jista' jkun meħtieġ biex tiddeċiedi l-applikazzjoni.

Is-7 ta' Lulju, 2006

Nru. 598

ATT DWAR IL-*CONDOMINIA*
(Kap. 398)

B'DIN qed ngħarraf li jiena rċivejt applikazzjoni għar-reġistrazzjoni u/jew emendi tar-regolamenti li jirregolaw l-imsemmija *condominia*:

Nru. tal-*Condominium* *Condominium Number*	Indirizz tal-*Condominium* *Address of Condominium*	Rimarki *Remarks*	Data tar-Reġistrazzjoni *Date of Registration*
115	Block 1 St Angelo Mansions Vittoriosa Marina Birgu	Reġistrazzjoni tar-regolamenti/ *Registration of Rules*	30/06/2006

Dott. Stephanie Pappalardo
Reġistratur ta' l-Artijiet

Notwithstanding the above, the Malta Environmental and Planning Authority reserves the right to request the applicant to submit additional information as may be necessary to determine the application.

7th July, 2006

No. 598

CONDOMINIUM ACT
(Cap. 398)

NOTICE is hereby given that I have received an application for the registration of and/or amendment to rules regulating the following condominia:

Nru. tal-*Condominium* *Condominium Number*	Indirizz tal-*Condominium* *Address of Condominium*	Rimarki *Remarks*	Data tar-Reġistrazzjoni *Date of Registration*
115	Block 1 St Angelo Mansions Vittoriosa Marina Birgu	Reġistrazzjoni tar-regolamenti/ *Registration of Rules*	30/06/2006

Dr Stephanie Pappalardo
Land Registrar

Is-7 ta' Lulju, 2006

7th July, 2006

Nru. 599

ORDINANZA DWAR IL-ĦADDIEMA D-DEHEB U L-ĦADDIEMA L-FIDDA (ARĠENTIERA)
(KAP. 46)

IL-KUMMISSARJU tat-Taxxi Interni jgħarraf illi fid-dati li jidhru hawn taħt, il-prezz tad-deheb u l-fidda li fuqu huma bbażati l-valutazzjonijiet magħmulin mill-Konslu għall-Ħaddiema d-Deheb u l-Ħaddiema l-Fidda ġie ffissat għall-finijiet ta' l-artikolu 12 ta' l-imsemmija Ordinanza kif ġej:–

Data *Date*	Deheb Pur Gramma *Pure Gold* *Grams*	Fidda Pura Gramma *Pure Silver* *Grams*
30. 06. 06	Lm6.45c6	12c5
03. 07. 06	Lm6.69c4	13c0
04. 07. 06	Lm6.77c2	13c2
05. 07. 06	Lm6.40c5	12c4
06. 07. 06	Lm6.87c5	13c5

Is-7 ta' Lulju, 2006

No. 599

GOLDSMITHS AND SILVERSMITHS ORDINANCE

(CAP. 46)

THE Commissioner of Inland Revenue notifies that on the dates shown hereunder, the price of gold and silver on which valuations made by the Consuls for Goldsmiths and Silversmiths are based has been fixed for the purposes of section 12 of the said Ordinance as follows:–

Data *Date*	Deheb Pur Gramma *Pure Gold* *Grams*	Fidda Pura Gramma *Pure Silver* *Grams*
30. 06. 06	Lm6.45c6	12c5
03. 07. 06	Lm6.69c4	13c0
04. 07. 06	Lm6.77c2	13c2
05. 07. 06	Lm6.40c5	12c4
06. 07. 06	Lm6.87c5	13c5

7th July, 2006

AVVIŻ TAL-PULIZIJA

Nru. 58

Bis-saħħa ta' l-artikolu 52 (1) ta' l-Ordinanza dwar Regolament tat-Traffiku (Kap. 65), il-Kummissarju tal-Pulizija jgħarraf illi l-passaġġ u twaqqif ta' vetturi huwa pprojbit fit-toroq imsemmija hawn taħt fid-dati u l-ħinijiet indikati.

Il-Gudja

Nhar il-Ħadd, id-9 ta' Lulju 2006, mis-6.00 a.m. sas-1.00 p.m. mit-toroq li ġejjin: Raymond Caruana, l-Annunzjata, Santa Marija, il-Kappillan, William Baker, Pietru Gagliardi, Bir Miftuħ, il-Magħsar, San Mark, il-Fidwa, Wesgħet Anġlu Dalli u l-Kbira.

Nhar it-Tlieta, il-11 ta' Lulju 2006, mis-2.00 a.m. sal-11.00 a.m. minn Triq il-Kbira.

Nhar l-Erbgħa, it-12 ta' Lulju 2006, minn nofsinhar sa nofsillejl minn Triq William Baker.

Nhar il-Ħamis, it-13 ta' Lulju 2006, mill-5.00 p.m. sa l-10.00 a.m. minn Triq Bir Miftuħ.

Nhar il-Ġimgħa, l-14 ta' Lulju 2006, mill-5.00 p.m. sa nofsillejl minn Triq Bir Miftuħ.

Nhar is-Sibt, il-15 ta' Lulju 2006, mis-6.00 p.m. sa nofsillejl minn Triq Bir Miftuħ.

Nhar il-Ħadd, is-16 ta' Lulju 2006, mis-6.00 p.m. sa nofsillejl minn Triq Bir Miftuħ.

Nhar it-Tlieta, l-1 ta' Awissu 2006, mis-6.00 p.m. sa l-10.00 p.m. mit-toroq li ġejjin: Dorell, Palazz, Xlejli u l-Għelejjel.

Nhar il-Ħamis, it-3 ta' Awissu 2006, mis-6.00 p.m. sa l-10.00 p.m. mit-toroq li ġejjin: l-Awrekarja, G. Gravina, Palma u l-Mitħna.

Vetturi misjuba li kisru l-ordni ta' dan l-avviż jistgħu jiġu rmunkati.

Marsaxlokk

Nhar il-Ġimgħa, it-28 ta' Lulju 2006, mit-8.00 p.m. 'il quddiem, mit-toroq li ġejjin: il-Feluka, l-Imriekeb, Dun Salv Gatt, Baħħara, Xerriek, San Piju X, l-Arżnell, is-Salvatur, Sant'Antnin, Kavallerizza, Xatt is-Sajjieda, Duncan, G. Maniscalco u l-Kajjikk.

Nhar is-Sibt, id-29 ta' Lulju 2006, mit-8.00 p.m. 'il quddiem, mit-toroq li ġejjin: Torri Vendome u Xatt is-Sajjieda.

POLICE NOTICE

No. 58

In virtue of section 52 (1) of the Traffic Regulation Ordinance (Cap. 65) the Commissioner of Police hereby notifies that the transit and stopping of vehicles through the streets mentioned hereunder will be suspended on the dates and times indicated.

Gudja

On Sunday, 9th July 2006, from 6.00 a.m. to 1.00 p.m. through the following streets: Raymond Caruana, l-Annunzjata, Santa Marija, il-Kappillan, William Baker, Pietru Gagliardi, Bir Miftuħ, il-Magħsar, San Mark, il-Fidwa, Wesgħet Anġlu Dalli and il-Kbira.

On Tuesday, 11th July 2006, from 2.00 a.m. to 11.00 a.m. through Triq il-Kbira.

On Wednesday, 12th July 2006, from noon to midnight through Triq William Baker.

On Thursday, 13th July 2006, from 5.00 p.m. to 10.00 p.m. through Triq Bir Miftuħ.

On Friday, 14th July 2006, from 5.00 p.m. to midnight through Triq Bir Miftuħ.

On Saturday, 15th July 2006, from 6.00 p.m. to midnight through Triq Bir Miftuħ.

On Sunday, 16th July 2006, from 6.00 p.m. to midnight through Triq Bir Miftuħ.

On Tuesday, 1st August 2006, from 6.00 p.m. to 10.00 p.m. through the following streets: Dorell, Palazz, Xlejli and l-Għelejjel.

On Thursday, 3rd August 2006, from 6.00 p.m. to 10.00 p.m. through the following streets: l-Awrekarja, G. Gravina, Palma and il-Mitħna.

Vehicles found in contravention of this notice are liable to be towed.

Marsaxlokk

On Friday, 28th July 2006, from 8.00 p.m. onwards through the following streets: il-Feluka, l-Imriekeb, Dun Salv Gatt, Baħħara, Xerriek, San Piju X, l-Arżnell, is-Salvatur, Sant'Antnin, Kavallerizza, Xatt is-Sajjieda, Duncan, G. Maniscalco and il-Kajjikk.

On Saturday, 29th July 2006, from 8.00 p.m. onwards through the following streets: Torri Vendome and Xatt is-Sajjieda.

Nhar is-Sibt, id-29 ta' Lulju 2006, mis-6.00 p.m. 'il quddiem, mill-Pjazza sa Xatt is-Sajjieda.

Nhar il-Ħadd, it-30 ta' Lulju 2006, mis-1.00 p.m. 'il quddiem, mit-toroq li ġejjin: il-Kajjikk, iż-Żejtun, l-Arżnell, is-Salvatur, Xatt is-Sajjieda u Duncan.

Nhar il-Ħadd, it-30 ta' Lulju 2006, mis-6.00 p.m. 'il quddiem, mit-Torri Vendome, il-Pjazza sa Xatt is-Sajjieda.

Nhar il-Ħadd, it-30 ta' Lulju 2006, mill-11.00 p.m. 'il quddiem, mit-Torri Vendome, Xatt is-Sajjieda, il-Pjazza, Duncan sa Triq il-Kajjikk.

Vetturi misjuba li kisru l-ordni ta' dan l-avviż jistgħu jiġu rmunkati.

Wied il-Għajn

Nhar il-Ġimgħa, it-28 ta' Lulju 2006, mill-4.00 p.m. 'il quddiem, mit-toroq li ġejjin: Salini, Grigal, Pjazza Mifsud Bonnici, ix-Xatt, Pjazza Dun Tarċis Agius, La Senglé, Bużbież u San Ġwakkin

Nhar is-Sibt id-29 ta' Lulju 2006 mill-4.00 p.m. 'il quddiem, mit-toroq li ġejjin: il-Qastan, il-Friefet, Ħabberxa, Salvu Buhagiar, Ħortan, Ġemmugħa, Qasam tal-Bujjar, il-Qrempuċ, Ġebel Ħanxul, Sant' Antnin, id-Dugħ, Pjazza Lorry Sant, il-Buttar, Sant' Anna, Pjazza Dun Tarċis Agius u x-Xatt.

Nhar il-Ħadd, it-30 ta' Lulju 2006, mis-7.00 a.m. 'il quddiem, mit-toroq li ġejjin: il-Knisja, La Senglé, Bużbież, San Ġwakkin, Pjazza Dun Tarċis Agius, Sant' Anna, Sant' Antnin, Pjazza Mifsud Bonnici, Gardiel, is-Sallur, il-Granmastri, il-Qaliet u x-Xatt.

Nhar il-Ħadd, it-30 ta' Lulju 2006, mit-3.00 p.m. 'il quddiem, mit-toroq li ġejjin: Pjazza Dun Tarċis Agius, San Ġorġ, Żonqor, La Senglé, Bużbież, San Ġwakkin, Sant' Anna, Pjazza Mifsud Bonnici u x-Xatt.

Vetturi misjuba li kisru l-ordni ta' dan l-avviż jistgħu jiġu rmunkati.

Il-Kalkara

Nhar is-Sibt, it-8 ta' Lulju 2006, mis-6.00 p.m. 'il quddiem, minn Triq Patist Borda u Pjazza Sagra Familja.

Nhar it-Tlieta, il-11 ta' Lulju 2006, mis-6.30 p.m. 'il quddiem, mit-toroq li ġejjin: Rinella, is-Sibi, il-Luqqata, Patist Borda, is-Salvatur, San Leonardo, Santu Rokku, G. Porsella Flores u Santa Marija.

Nhar l-Erbgħa, it-12 ta' Lulju 2006 mis-7.00 p.m. 'il quddiem mit-toroq li ġejjin: Rinella, Patist Borda, is-Salvatur,

On Saturday, 29th July 2006, from 6.00 p.m. onwards from the Square to Xatt is-Sajjieda.

On Sunday, 30th July 2006, from 1.00 p.m. onwards through the following streets: il-Kajjikk, iż-Żejtun, l-Arżnell, is-Salvatur, Xatt is-Sajjieda and Duncan.

On Sunday, 30th July 2006, from 6.00 p.m. onwards, from Torri Vendome, il-Pjazza to Xatt is-Sajjieda.

On Sunday, 30th July 2006, from 11.00 p.m. onwards, from Torri Vendome, Xatt is-Sajjieda, il-Pjazza, Duncan to Triq il-Kajjikk.

Vehicles found in contravention of this notice are liable to be towed away.

Marsaskala

On Friday, 28th July 2006, from 4.00 p.m. onwards, through the following streets: Salini, Grigal, Pjazza Mifsud Bonnici, ix-Xatt, Pjazza Dun Tarċis Agius, La Senglé, Bużbież and San Ġwakkin

On Saturday, 29th July 2006, from 4.00 p.m. onwards, through the following streets: il-Qastan, il-Friefet, Ħabberxa, Salvu Buhagiar, Ħortan, Ġemmugħa, Qasam tal-Bujjar, il-Qrempuċ, Ġebel Ħanxul, Sant' Antnin, id-Dugħ, Pjazza Lorry Sant, il-Buttar, Sant' Anna, Pjazza Dun Tarċis Agius and ix-Xatt.

On Sunday, 30th July 2006, from 7.00 a.m. onwards through the following streets: il-Knisja, La Senglé, Bużbież, San Ġwakkin, Pjazza Dun Tarċis Agius, Sant' Anna, Sant' Antnin, Pjazza Mifsud Bonnici, Gardiel, is-Sallur, il-Granmastri, il-Qaliet and ix-Xatt.

On Sunday, 30th July 2006, from 3.00 p.m. onwards through the following streets: Pjazza Dun Tarċis Agius, San Ġorġ, Żonqor, La Senglé, Bużbież, San Ġwakkin, Sant' Anna, Pjazza Mifsud Bonnici and ix-Xatt.

Vehicles found in contravention of this notice are liable to be towed away.

Kalkara

On Saturday, 8th July 2006, from 6.00 p.m. onwards through Triq Patist Borda and Pjazza Sagra Familja.

On Tuesday, 11th July 2006, from 6.30 p.m. onwards, through the following streets: Rinella, is-Sibi, il-Luqqata, Patist Borda, is-Salvatur, San Leonardo, Santu Rokku, G. Porsella Flores and Santa Marija.

On Wednesday, 12th July 2006 from 7.00 p.m. onwards through the following streets: Rinella, Patist Borda, is-

Luigi Pisani, is-Sienja, Patri Mattew Sultana, Giovanni Ricasoli, Gianni Raymondo, Santa Filomena u Pjazza Sagra Familja.

Nhar il-Ħamis, it-13 ta' Lulju 2006 mis-7.00 p.m. 'il quddiem mit-toroq li ġejjin: Misraħ l-Arċisqof Gonzi, il-Kappuċċini, il-Ġir, is-Sienja, it-Taraġ ta' San Mikiel u Rinella.

Nhar il-Ġimgħa, l-14 ta' Lulju 2006 mis-7.00 a.m. 'il quddiem mit-toroq li ġejjin: Rinella, Misraħ l-Arċisqof Gonzi, Triq is-Sienja, Giovanni Ricasoli, Gianni Raymondo, San Lawrenz, il-Kappuċċini, is-Sibi u l-Luqqata.

Nhar is-Sibt, il-15 ta' Lulju 2006 mis-6.30 p.m. 'il quddiem mit-toroq li ġejjin: ix-Xatt, Misraħ l-Arċisqof Gonzi, Rinella, is-Salvatur, Patist Borda u t-Taraġ ta' San Ġużepp.

Nhar il-Ħadd, is-16 ta' Lulju 2006 mid-9.00 a.m. 'il quddiem mit-toroq li ġejjin: Rinella, is-Sibi, il-Luqqata, is-Sienja Patist Borda, is-Salvatur, ix-Xatt, Misraħ l-Arċisqof Gonzi u Sqaq ix-Xatt Nru. 2.

Nhar il-Ħadd, is-16 ta' Lulju 2006 mill-5.30 p.m. 'il quddiem mit-toroq li ġejjin: Rinella, Misraħ l-Arċisqof Gonzi, il-Kappuċċini u x-Xatt.

Vetturi misjuba li kisru l-ordni ta' dan l-avviż jistgħu jiġu rmunkati.

Ir-Rabat, Għawdex

Nhar it-Tlieta, il-11 ta' Lulju, 2006, mis-6.00 p.m. mit-toroq li ġejjin: Il-31 ta' Marzu, Ġużè Ellul Mercer, Enrico Mizzi, Dr A Tabone, Pjazza San Franġisk, Palma, ir-Repubblika, Pjazza Indipendenza, San Ġużepp u Pjazza San Ġorġ.

Nhar l-Erbgħa, it-12 ta' Lulju, 2006, mid-9.00 p.m. mit-toroq li ġejjin: Għajn Qatet, Pjazza San Franġisk, Arċisqof P. Pace, Palma, ir-Repubblika, Pjazza Indipendenza, San Ġużepp u Pjazz San Ġorġ.

Nhar il-Ħamis, it-13 ta' Lulju, 2006, mid-9.00 p.m. mit-toroq li ġejjin: Pjazza San Ġorġ, San Ġorġ, il-Librerija, Alfons M. Hili, Pjazzetta, P.A. Xerri, il-Karità, Mons G. Farrugia, Palma, San Indrija, Pjazza San Franġisk, ir-Repubblika, Pjazza Indipendenza u San Ġużepp.

Nhar il-Ġimgħa, l-14 ta' Lulju, 2006, mid-9.00 a.m. mit-toroq li ġejjin: Pjazza San Ġorġ, San Ġużepp, Pjazza Indipendenza, Pjazza Sabina, Santa Marija, il-Librerija, Tomba, Vajringa, ir-Repubblika, Pjazza San Franġisk u Palma.

Nhar is-Sibt, il-15 ta' Lulju, 2006, mis-7.00 a.m. mit-toroq

Salvatur, Luigi Pisani, is-Sienja, Patri Mattew Sultana, Giovanni Ricasoli, Gianni Raymondo, Santa Filomena and Pjazza Sagra Familja.

On Thursday, 13th July 2006 from 7.00 p.m. onwards through the following streets: Misraħ l-Arċisqof Gonzi, il-Kappuċċini, il-Ġir, is-Sienja, it-Taraġ ta' San Mikiel and Rinella.

On Friday, 14th July 2006 from 7.00 a.m. onwards through the following streets: Rinella, Misraħ l-Arċisqof Gonzi, Triq is-Sienja, Giovanni Ricasoli, Gianni Raymondo, San Lawrenz, il-Kappuċċini, is-Sibi and il-Luqqata.

On Saturday, 15th July, 2006 from 6.30 p.m. onwards, through the following streets: ix-Xatt, Misraħ l-Arċisqof Gonzi, Rinella, is-Salvatur, Patist Borda and it-Taraġ ta' San Ġużepp.

On Sunday, 16th July, 2006 from 9.00 a.m. onwards, through the following streets: Rinella, is-Sibi, il-Luqqata, is-Sienja Patist Borda, is-Salvatur, ix-Xatt, Misraħ l-Arċisqof Gonzi and Sqaq ix-Xatt No. 2.

On Sunday, 16th July, 2006 from 5.30 p.m. onwards, through the following streets: Rinella, Misraħ l-Arċisqof Gonzi, il-Kappuċċini and ix-Xatt.

Vehicles found in contravention of this notice are liable to be towed away.

Victoria, Gozo

On Tuesday, 11th July, 2006, from 6.00 p.m. through the following streets: Il-31 ta' Marzu, Ġużè Ellul Mercer, Enrico Mizzi, Dr A Tabone, Pjazza San Franġisk, Palma, ir-Repubblika, Pjazza Indipendenza, San Ġużepp and Pjazza San Ġorġ.

On Wednesday, 12th July, 2006, from 9.00 p.m. through the following streets: Għajn Qatet, Pjazza San Franġisk, Arċisqof P. Pace, Palma, ir-Repubblika, Pjazza Indipendenza, San Ġużepp and Pjazza San Ġorġ.

On Thursday, 13th July, 2006, from 9.00 p.m. through the following streets: Pjazza San Ġorġ, San Ġorġ, il-Librerija, Alfons M. Hili, Pjazzetta, P.A. Xerri, il-Karità, Mons G. Farrugia, Palma, San Indrija, Pjazza San Franġisk, ir-Repubblika, Pjazza Indipendenza and San Ġużepp.

On Friday, 14th July, 2006, from 9.00 a.m. through the following streets: Pjazza San Ġorġ, San Ġużepp, Pjazza Indipendenza, Pjazza Sabina, Santa Marija, il-Librerija, Tomba, Vajringa, ir-Repubblika, Pjazza San Franġisk and Palma.

On Saturday, 15th July, 2006, from 7.00 a.m. through the

li ġejjin: Pjazza San Ġorġ, San Ġużepp, Pjazza Indipendenza, ir-Repubblika sa l-Astra, Palma u Pjazza San Franġisk.

Nhar il-Ħadd, is-16 ta' Lulju, 2006, mis-7.00 a.m. mit-toroq li ġejjin: ir-Repubblika, Pjazza Indipendenza, San Ġużepp u Pjazza San Ġorġ, Pjazza San Franġisk, Pjazza Santa Sabina, Santa Marija, il-Librerija, Pjazza Santu Wistin, Vajringa, Palma u Fortunato Mizzi.

Ir-Rabat, Għawdex (Tlielaq taż-Żwiemel)

Nhar is-Sibt, il-15 ta' Lulju, 2006, mill-11.00 a.m. mit-toroq li ġejjin: San Leonardu, Fortunato Mizzi, Indipendenza, ir-Repubblika, Sir Adrian Dingli u Pjazza Sabina.

Nhar il-Ħadd it-23 ta' Lulju, 2006, mis-1.00 p.m. minn Triq Ta' Sannat, ir-Rabat, Għawdex.

L-ipparkjar ta' vetturi fit-toroq imsemmija hawn fuq huwa pprojbit u dawk il-vetturi misjuba pparkjati hemm jiġu rmunkati.

Ta' Sannat, Għawdex

Nhar it-Tnejn is-17 u nhar it-Tlieta t-18 ta' Lulju, 2006, mis-6.00 p.m. mit-toroq li ġejjin: Pjazza Santa Margerita u Dun Xand Aquilina.

Nhar l-Erbgħa d-19 ta' Lulju, 2006, mis-6.00 p.m. minn Triq ta' Ċenċ.

Nhar il-Ħamis l-20 ta' Lulju, 2006, mit-8.30 p.m. mit-toroq li ġejjin: Santa Marija, Dun Xand Aquilina, Vincenzo Caruana Spiteri, it-28 ta' April, 1688, Bebunaqq, it-Tilliera, Ras in-Newwiela, l-Ikbiex, it-Tin, Seguna, ix-Xabbata, Marsilja, Ta' Ċenċ u Pjazza Santa Margerita.

Nhar il-Ġimgħa l-21 ta' Lulju, 2006, mis-7.00 p.m. mit-toroq li ġejjin: il-Kbira, Dun Xand Aquilina, Pjazza Santa Margerita, B. Cocco Palmieri, Ta' Ċenċ, Marsilja u x-Xabbata.

Nhar is-Sibt it-22 ta' Lulju, 2006, mit-8.00 a.m. mit-toroq li ġejjin: il-Kbira, Dun Xand Aquilina, Pjazza Santa Margerita, B. Cocco Palmieri, Ta' Ċenċ, Marsilja, ix-Xabbata u Ta' Sannat.

Nhar il-Ħadd it-23 ta' Lulju, 2006, mill-10.00 a.m. mit-toroq li ġejjin: Ta' Sannat, Dun Xand Aquilina, il-Kbira, Pjazza Santa Margerita, B. Cocco Palmieri, Ta' Ċenċ, Marsilja, ix-Xabbata u Santa Marija.

L-ipparkjar ta' vetturi fit-toroq imsemmija hawn fuq huwa pprojbit u dawk il-vetturi misjuba pparkjati hemm jiġu rmunkati.

Is-7 ta' Lulju, 2006

following streets: Pjazza San Ġorġ, San Ġużepp, Pjazza Indipendenza, from ir-Repubblika to l-Astra, Palma and Pjazza San Franġisk.

On Sunday, 16th July, 2006, from 7.00 a.m. through the following streets: ir-Repubblika, Pjazza Indipendenza, San Ġużepp andPjazza San Ġorġ, Pjazza San Franġisk, Pjazza Santa Sabina, Santa Marija, il-Librerija, Pjazza Santu Wistin, Vajringa, Palma and Fortunato Mizzi.

Victoria, Gozo (Horse Races)

On Saturday, 15th July, 2006, from 11.00 a.m. through the following streets: San Leonardu, Fortunato Mizzi, Indipendenza, ir-Repubblika, Sir Adrian Dingli and Pjazza Sabina.

On Sunday 23rd July 2006, from 1.00 p.m. through Triq Ta' Sannat, Victoria, Għawdex.

The parking of vehicles through the streets mentioned above is prohibited and those vehicles found parked there will be towed.

Sannat, Gozo

On Monday 17th and Tuesday 18th July, 2006, from 6.00 p.m. through the following streets: Pjazza Santa Margerita and Dun Xand Aquilina.

On Wednesday,19th July, 2006, from 6.00 p.m. through Triq ta' Ċenċ.

On Thursday, 20th July 2006, from 8.30 p.m. through the following streets: Santa Marija, Dun Xand Aquilina, Vincenzo Caruana Spiteri, it-28 ta' April, 1688, Bebunaqq, it-Tilliera, Ras in-Newwiela, l-Ikbiex, it-Tin, Seguna, ix-Xabbata Marsilja, Ta' Ċenċ and Pjazza Santa Margerita.

On Friday 21st July 2006,from 7.00 p.m. through the following streets: il-Kbira, Dun Xand Aquilina, Pjazza Santa Margerita, B. Cocco Palmieri, Ta' Ċenċ, Marsilja and x-Xabbata.

On Saturday 22nd July 2006, from 8.00 a.m. through the following streets: il-Kbira, Dun Xand Aquilina, Pjazza Santa Margerita, B. Cocco Palmieri, Ta' Ċenċ, Marsilja, ix-Xabbata and Ta' Sannat.

On Sunday 23rd July 2006, from10.00 a.m.through the following streets: Ta' Sannat, Dun Xand Aquilina, il-Kbira, Pjazza Santa Margerita, B. Cocco Palmieri, Ta' Ċenċ, Marsilja, ix-Xabbata and Santa Marija.

The parking of vehicles through the streets mentioned above is prohibited and those vehicles found parked there will be towed.

7th July, 2006

AVVIŻ TAL-PULIZIJA

Nru. 59

Il-Kummissarju tal-Pulizija jgħarraf li bis-setgħat mogħtija bl-Avviż Legali 101/97, it-toroq imsemmija hawn taħt se jkunu meqjusa bħala Żoni ta' Rmonk fid-dati u l-ħinijiet indikati.

Bis-saħħa ta' l-artikolu 52 (1) ta' l-Ordinanza dwar ir-Regolament tat-Traffiku (Kap. 65), il-Kummissarju tal-Pulizija jgħarraf illi l-passaġġ u twaqqif ta' vetturi huwa pprojbit fit-toroq imsemmija hawn taħt fid-dati u l-ħinijiet indikati.

Ta' Xbiex/l-Imsida

Nhar is-Sibt, it-22 ta' Lulju 2006, mis-6.00 p.m. 'il quddiem minn Triq ix-Xatt ta' Ta' Xbiex bejn il-Knisja Parrokkjali u Triq Abate Rigord.

Nhar il-Ħadd, it-23 ta' Lulju 2006 mit-3.00 p.m. 'il quddiem mit-toroq li ġejjin: ix-Xatt ta' Ta' Xbiex, Antonio Bosio, il-Ġdida, Rue D'Argens, l-Immakulata Kunċizzjoni, il-Wied, ix-Xatt ta' l-Imsida, il-Baċir, Clarence, il-Qrejten, St Joseph Drive u lura lejn il-Knisja Parrokkjali.

Triq ix-Xatt ta' Ta' Xbiex se tkun ikklassifikata bħala żona pedonali u għalhekk mhux ser jitħallew vetturi jgħaddu jew jipparkjaw f'din it-triq nhar is-Sibt, it-22 ta' Lulju 2006 u nhar il-Ħadd, it-23 ta' Lulju 2006, mis-6.00 p.m. 'il quddiem.

Is-7 ta' Lulju, 2006

POLICE NOTICE

No. 59

The Commissioner of Police hereby notifies that in terms of legal notice 101/97, the streets listed hereunder are to be classified as Tow Zones as indicated on the dates and times hereunder.

In virtue of section 52 (1) of the Traffic Regulations Ordinance (Cap. 65) the Commissioner of Police hereby notifies that the transit and stopping of vehicles through the streets mentioned hereunder is prohibited on the dates and times indicated.

Ta' Xbiex/Msida

On Saturday, 22nd July 2006, from 6.00 p.m. onwards through Ta' Xbiex Seafront between the Parish Church and Triq Abate Rigord.

On Sunday, 23rd July 2006 from 3.00 p.m. onwards through the following streets: Ta' Xbiex Seafront, Antonio Bosio, il-Ġdida, Rue D'Argens, l-Immakulata Kunċizzjoni, il-Wied, ix-Xatt ta' l-Imsida, il-Baċir, Clarence, il-Qrejten, St Joseph Drive and back to Parish Church.

Ta' Xbiex Seafront, Msida, will be classified as pedestrian zone and as such no vehicles will be allowed to park or pass along the street on Saturday, 22nd July 2006 and on Sunday, 23rd July 2006 from 6.00 p.m. onwards.

7th July, 2006

KULLEĠĠ MALTI TA' L-ARTI, XJENZA U TEKNOLOĠIJA

Vakanzi - *Lecturing Staff*

Il-Kulleġġ Malti ta' l-Arti, Xjenza u Teknoloġija jinħtieġ li jingaġġa *full-time lecturing staff* għal kull wieħed mill-oqsma msemmija hawn taħt:

Teknoloġija Elettrika (Permess ta' l-ETC Nr. 90/2006)

L-applikanti preferibbilment għandhom ikunu gradwati universitarji fl-inġinerija elettrika. Jiġu kkunsidrati applikanti bi kwalifiki vokazzjonali f'livell 3 jew ogħla f'qasam relatat mill-qrib u ta' l-anqas ħames snin esperjenza prattika relevanti. Ikun ta' vantaġġ min ikollu l-Liċenza A u B fl-Istallazzjoni Elettrika. Tingħata preferenza lill-kandidati bl-esperjenza relevanti fit-tagħlim.

MALTA COLLEGE OF ARTS, SCIENCE AND TECHNOLOGY

Vacancies - Lecturing Staff

The Malta College of Arts, Science and Technology is seeking to recruit full-time lecturing staff for each of the areas indicated below:

Electrical Technology (ETC Permit No. 90/2006)

